Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2011

Numru 894/2009

Il-Pulizija
(Spettur Therese Sciberras)

vs

Joseph Deguara

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta’ numru tal-karta ta’ l-identita’ 720234M nakkuzah talli f’dawn il-Gzejjer, nhar il- 24 ta’ Awwissu 2009 gewwa l-Mellieha f’xi hin bejn il-hamsa ta’ filghodu u l-hdax ta filghodu ikkommetta serq ta’ hwejjeg ta valur aktar minn 23.30 euros u inqas minn 2330 euros ghad- detriment ta terzi persuni.

Rat in-nota tal- Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti tahtu hin biex jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Mill-istqarrija tal- imputat u d-dokumenti esebiti jirrisulta lill-Qorti li s-serq li tieghu l-imputat irregistra ammissjoni hu kwalifikat bil-valur ta' anqas minn € 2330.

Fuq ammissjoni volontarja u inkondizjonata ssibu hati.

Rat l-Artikolu 261 (c) u 279 (i) tal-Kap 9;

Ikkunsidrat li  l-oggetti gew ritornati.

Issib l-imputat hati u wara li qieset ic-cirkostanzi tas-serqa, u l-fedina penali tieghu, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il- Qorti spiegat lill- imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------